**9 ta' Ġunju, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Enrico Petroni u Edwin Petroni

## Approprjazzjoni Indebita - Truffa - Serq - Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali

*Il-ħruġ ta'* cheques *minn persuna li taf li dawn iċ-*cheques *ma jistgħux jissarfu ma jammontax għar-reat ta' approprjazzjoni indebita.*

*Ir-reat ta' approprjazzjoni indebita jiddistingwi ruħu mir-reat ta' serq għax l-oġġett li jkun, jiġi mogħti lill-aġent volontarjament u mhux jittieħed kontra l-volontà jew mingħajr il-kunsens tad-detentur; u jiddistingwi ruħu ukoll mit-truffa għax id-detentur tal-ħaġa ma jiġix ingannat permezz ta' raġġiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-ħaġa favur l-aġent.*

*F'din is-sentenza, il-Qorti osservat li l-Ewwel Qorti ma tistax issib ħtija oltre l-artikoli indikati fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Enrico Petroni u Edwin Petroni talli f'dawn il-Gżejjer,

matul is-snin qabel it-13 ta' Mejju, 1994, b'diversi atti magħmullin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) approprjaw ruħhom, billi dawru bi profitt għalihom jew għal persuna oħra minn flus b'valur li jeċċedi l-elf lira, liema flus kienu dovuti lil Joseph Rosso u lil persuni oħra u li kienu ġew fdati jew ikkunsinnati lilhom minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tagħhom, jew minħabba depożitu neċessarju, taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-flus jew li jsir użu minnhom speċifikat, bi ksur ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali; kif ukoll talli; (2) b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiku foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ ta' aktar minn elf lira bi ħsara ta' Joseph Rosso u persuni oħra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-28 ta' Jannar, 1997 li permezz tagħha dik il-Qorti lliberat lill-imsemmija Enrico Petroni u Edwin Petroni mit-tieni imputazzjoni, iżda sabithom ħatja skond l-ewwel imputazzjoni, kif oriġinarjament miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva, u kkundannathom għall-piena ta' sitt xhur priġunerija kull wieħed sospiża fiż-żewġ każijiet għal żmien sentejn skond l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Enrico Petroni u Edwin Petroni, minnhom ippreżentat fl-4 ta' Frar, 1997, li permezz tiegħu talbu r-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; ikkunsidrat:

Għalkemm l-appellanti odjerni kienu oriġinarjament akkużati kemm bi truffa kif ukoll b'approprjazzjoni bla jedd aggravata, huma nstabu ħatja biss ta' dan it-tieni reat. Il-parti kruċjali tas-sentenza appellata huwa l-bran segewenti:

"Minn hawn jidher ċar illi l-imputati għamlu *cheques* b'ammonti ta' flus meta kienu jafu li dawn iċ-*cheques* ma kinux sejrin jissarrfu. Di più, dawna aċċetttaw għandhom flus mingħand terzi meta ma kinux hekk awtorizzati, u għamlu użu minn dawn il-flus b'mod li ma kinux awtorizzati jagħmlu";

U fi bran ieħor, l-istess Qorti qalet hekk:

"L-akkuża l-oħra ta' misapproprjazzjoni però tidher illi hija fondata. Dawna (l-imputati) aċċettaw flus illi ma kinux awtorizzati jaċċettaw. Harġu *cheques* meta kienu jafu illi flus ma kienx hemm, jew inkella, kif xehed l-istess Frank Cachia, a fol. 92, jinħareġ *cheque* u fl-istess ħin issir ordni biex dan iċ-*cheque* ma jissarrafx. Dan l-aġir m'għandux isir fil-ħajja kummerċjali ta' kuljum għax dan jikkrea ħafna suspetti, tintilef il-kredibilità u mbagħad il-Qorti ma tiskanta b'xejn illi tiġi maqtula operazzjoni kummerċjali illi qabel kienet tagħti frott";

Frankament din il-Qorti ssibha diffiċli tifhem kif il-ħruġ ta' *cheques*, fiċ-ċirkostanzi msemmija jista' jammonta għar-reat ikkontemplat fl-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali. Dana r-reat iseħħ meta wieħed: (1) jirċievi flus jew xi ħaġa oħra mingħand xi ħadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi ħaġa lura jew li jagħmel użu minnhom b'mod speċifiku; (3) u minflok ma jagħmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oġġett bi profitt għalih jew għal ħaddieħor. Dan ir-reat jiddistingwi ruħu mir-reat ta' serq għax l-oġġett li jkun jiġi mogħti lill-aġent volontarjament u mhux jittieħed kontra l-volontà jew mingħajr il-kunsens tad-detentur; u jiddistingwi ruħu ukoll mit-truffa

għax id-detentur tal-ħaġa ma jiġix ingannat permezz ta' raġġiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-ħaġa favur l-aġent. Il-ħruġ ta' *cheques* fiċ-ċirkostanzi aktar 'il fuq imsemmija jista', pjuttost, jammonta għal truffa jekk mal-ħruġ ta' dawk iċ-*cheques* ikun hemm il-qligħ ta' l-aġent bi ħsara tal-persuna l-oħra. *Iżda, kif ingħad,* l-Ewwel Qorti *eskludiet ir-reat ta' truffa.* Kwantu għall-kwistjoni l-oħra, ċjoè, li l-appellanti (allura imputati) "aċċettaw flus illi ma kinux awtorizzati jaċċettaw", jidher li l-Ewwel Qorti, però, ma tara xejn irregolari mil-lat penali fil-fatt li l-appellanti aċċettaw dawn il-flus a nom ta' Rosso (il-klijenti, wara kollox kienu jafu lilhom u mhux lil Rosso); jidher, infatti, li kien hemm okkażjonijiet meta dawn il-flus hekk miġbura l-appellanti effettivament għaddewhom lil Rosso. Dak li kien irregolari u li kien jammonta għar-reat ikkontemplat fl-artikolu 293 imsemmi kien il-fatt li f'okkażjonijiet oħra, l-appellanti żammew dawn il-flus mingħajr ma għaddewhom lil Rosso, kif kienu obbligati li jagħmlu ġaladarba l-kambjali kienu ġew ġirati bħala parti mill-ftehim li huma kellhom biex Rosso jitħallas ta' dak li kellu jieħu mingħandhom;

Issa, l-ewwel aggravju ta' l-appellanti jikkonsisti proprju filli huma jikkontendu: (1) li kienu awtorizzati li jirċievu flus mingħand dawn il-klijenti (jew ex-klijenti) tagħhom u li: (2) dwar iċ-*cheques* huma kellhom raġuni valida għall-*istop payments* li huma għamlu. Kif ingħad fil-paragrafu preċedenti, fil-kwistjoni taċ-*cheques* ma jiffigurax ir-reat ta' approprjazzjoni indebita, filwaqt illi għal dawk li huma l-flus li rċevew minħabba l-kambjali ġirati kien hemm ir-reat in kwistjoni mhux minħabba l-fatt li aċċettaw il-flus iżda minħabba l-fatt li l-flus żammewhom u ma għaddewhomx *lil* Rosso. Jiġi osservat f'dan ir-rigward li għalkemm l-imputazzjoni oriġnali miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kienet tipotizza r-reat ta' approprjazzjoni indebita fil-forma kontinwata (artikolu 18, Kap. 9) u bl-aggravanti li qligħ kien ta' aktar minn

elf lira, fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali (fol. 119) hemm ċitati biss, a rigward ta' din l-imputazzjoni, l-artikoli 293 u 294. L-Ewwel Qorti, għalhekk, ma setgħetx tmur oltre dawn l-artikoli u ssib ħtija fil-forma kontinwata u bl-aggravanti kkontemplat fl-artikolu 310 (1) (a) tal-Kap. 9;

Aggravju ieħor ta' l-appellant Edwin Petroni hu bażikament li hu ma kellux jinstab ħati peress li għalkemm kien jaf b'dak li qed isir minn Enrico Petroni, hu ma għamel xejn li b'xi mod jista' jirrendih ħati ta' reat ta' approprjazzjoni indebita. Din il-Qorti, però, bħall-Ewwel Qorti tara li a bażi ta' l-istqarrija tiegħu, magħmula lill-Pulizija, kif ukoll a bażi tad-deposizzjoni tiegħu, mogħtija fil-kawża, dan l-appellant hu kriminalment responsabbli daqs missieru;

L-appellanti jilmentaw ukoll mill-piena. Din il-Qorti tosserva li l-piena għar-reat skond l-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali, u mingħajr il-kwalifika tal-kontinwat jew l-aggravju kkontemplat fl-artikolu 310 (1) (a), hi ta' priġunerija minn ħames xhur sa sena. Fiċ-ċirkostanzi ma tara ebda raġuni għala għandha tiddisturba l-piena erogata mill-Ewwel Qorti;

Għall-motivi premessi tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabithom ħatja skond l-ewwel imputazzjoni, kif oriġinarjament miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva u minflok issibhom ħatja talli approprjaw ruħhom, billi dawru bi profitt għalihom jew għal persuna oħra, minn flus dovuti lil Joseph Rosso u li kienu ġew fdati jew ikkunsinnati lilhom minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tagħhom, jew minħabba depożitu neċessarju, taħt titolu li kien iġib miegħu l-obbligu tar-radd ta' dawk il-flus jew li jsir użu minnhom speċifikat, bi ksur ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.